# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — MARZU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1967

# L-ANNIVERSARJI TA' NIES KBAR

*F'dawn l-aħħar snin kellna ħafna anniversarji: dak tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta, dak ta' l-Assedju l-Kbir, dak tal-Fondazzjoni tal-Belt Valletta. Il-Gvern u l-poplu għamlu festi kbar biex ifakkru kif jixraq dawn il-ġrajja nazzjonali. It-tifkira ta' ġrajjiet għal dawn hi ta' min ifaħħarha għax tqajjem ħeġġa fin-nies u tqanqalhom għall-imħabba lejn art twelidhom, iżda barra l-ġrajja jkun hemm ukoll persunaġġi li jagħmlu ġieħ kbir lin-nazzjon tagħhom.*

*Nies kbar li ħadmu għal art twelidhom jew li sfawlha ta' ġieh bil-għerf, bil-għaqal, bil-ħila u bl-irġulija tagħhom, jistħoqqilhom għożża u unur xejn anqas minn ġrajjiet storiċi, anzi, biex ngħidu hekk, imisshom ikunu mweġġhin u stmati wisq aktar għax filwaqt li l-ġrajjiet storiċi jistgħu jitnisslu minn ċirkostanzi mhux mistennija, il-ħidma tan-nies kbar titwettaq bit-tħabrik u bir-rieda tagħhom infushom, u għalhekk aktar fiha sentimenti umani minn fatti li ġraw għax iċ-ċirkostanzi ġiebu hekk.*

*It-tifkira ta' nies kbar aktar imissha tkun għal qalb kull wieħed jew waħda minna, għax f'dak il-persunaġġ kbir, nistgħu naraw mhux ġrajja, imma persuna li kienet tgħix u taħseb u tħabrek fl-art tagħna, li kienet tiffrekwenta l-postijiet li noqogħdu fihom aħna, li kienet tieħu sehem fil-ħajja ta' nannietna, li swiet biex tejbet il-qagħda tagħna tal-lum jew biex fetħetilna moħħna u għaddejna 'l quddiem fit-triq tal-progress.*

*L-eżempju ta' nies bħal dawn għandu jservi ta' ħeġġa u ħrara u tagħlima lil dawk li jgħixu warajhom, imma hu dmir ta' dawn ta' l-aħħar li ma jinsewx il-kbar ta' qabilhom, li jgħożżu t-tifkira tagħhom, li jimxu fit-triq li fetħu dawk il-persunaġġi.*

*Meta poplu jagħti ġieh lin-nies kbar tiegħu jkun qiegħed igħolli lilu nnifsu u lil pajjiżu fost il-għaqda tal-ġnus u jkun qiegħed jitqies magħhom f'dak li hu tajjeb, xieraq u sabiħ, ta' ġid u ta' fejda.*

*Imma biex nagħmlu hekk jeħtiġilna ma ninsewx lill-kbar tagħna. B'xorti ħażina ftit jew xejn ma qiegħed isir biex infakkru lil dawk ta' qabilna li jistħoqqilhom kull ġieh. L-iskejjel, il-għaqdiet, il-korpi kostitwiti, il-Gvern, imisshom jieħdu ħsieb dan in-nuqqas. L-aħjar ħaġa tkun li kull sena tinxtered fost l-iskejjel, każini, għaqdiet u soċjetajiet lista ta' anniversarji. Din il-lista tista' tkun imħejjija minn kummissjoni ta' nies maħturin mill-Gvern.*

*Dik il-lista jmissha tinbagħat lill-iskejjel biex is-Surmastrijiet ifakkru lill-iskulari l-isem ta' nies kbar u jfissrulhom x'kienet il-ħidma tagħhom. Listi jinbagħtu wkoll lill-għaqdiet u lill-każini biex jitħajru jiċċelebraw kif jixraq it-tifkira ta' persunaġġi li għamlu ġieh lil pajjiżna.*

*Aktar 'il quddiem qegħdin inġibu lista ta' anniversarji li ġabar is-Sur Ġino Muscat Azzopardi, kittieb magħruf, li jinteressa ruħu mhux ftit fi ħwejjeġ bħal dawn. Minn din il-lista wieħed jara kemm anniversarji jistgħu jilħqu kull sena jekk dak li jkun ifittixhom bil-għaqal u bis-sabar. Imma bil-publikazzjoni biss ta' din il-lista ma nkunux nagħtu l-ġieh li jistħoqqilhom lil dawn in-nies kbar li l-anniversarju tagħhom jaqa' f'din is-sena. Teħtieġ xi ħaġa aktar nazzjonali. Tkun ħaġa xierqa u ta' min ifaħħarha jekk il-Gvern jagħti xhieda ta' patrijottiżmu billi joħroġ sett ta' bolli li jfakkru xi wieħed jew aktar minn dawn il-persunaġġi li jidhru fil-lista li ġabar is-Sur Ġino Muscat Azzopardi.*